ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 82

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

22 ta' Marzu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 249/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2011 fir-rigward ta' rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom** ([1]) ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 250/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima** ([1]) ........ 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 251/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 5

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA Nru 534/09/COL tas-16 ta' Diċembru 2009 li temenda, għat-tmienja u s-sebgħin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi kapitolu ġdid dwar l-aħjar prattika għat-tmexxija tal-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat** ........ 7

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 364/11/COL tat-23 ta' Novembru 2011 biex tingħalaq proċedura ta' investigazzjoni formali rigward l-eżenzjoni tal-Fond Islandiż għall-Finanzjament tad-Djar *Íbúðalánasjóður* (l-HFF) mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-Istat (l-Islanda)** ........ 16

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 249/2012

**tal-21 ta' Marzu 2012**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2011 fir-rigward ta' rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa Regolament separat għall-iskopijiet ta' approvazzjoni tat-tip prevista fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) ([2]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom ([3]) huwa wieħed mill-miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 19/2011 introduċa l-possibilità għall-manifatturi tal-vetturi biex jużaw tikketti li jeħlu waħedhom biex jagħmlu l-pjanċi statutorji. Sabiex titħaffef il-manifattura ta' tikketti bħal dawn permezz tal-ipproċessar tad-dejta, kif ukoll l-istampar tagħhom permezz ta' mezzi elettroniċi, huwa meħtieġ li jiġu adattati r-rekwiżiti tekniċi eżistenti għall-ispeċifitajiet ta' dawn it-tekniki moderni.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 19/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 19/2011 hija emendata kif ġej:

1. Il-punt 2.2 jinbidel b'dan li ġej:

"2.2. L-għoli tal-karattri tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura msemmija fil-punt 2.1. (c) m'għandux ikun inqas minn 4 mm."

2. Il-punt 2.3 li ġej jiddaħħal wara l-punt 2.2.:

"2.3. L-għoli tal-karattri tal-informazzjoni msemmija fil-punt 2.1., minbarra n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura, m'għandux ikun inqas minn 2 mm."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 250/2012

## tal-21 ta' Marzu 2012

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jagħti l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri addattati ta' emerġenza tal-Unjoni għal ikel u għalf importat minn pajjiż terz sabiex titħares is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u dan meta r-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri individwalment.

(2) Wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima fil-11 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-livelli ta' radjonuklidi f'ċerti prodotti tal-ikel li joriġinaw mill-Ġappun jaqbżu l-livelli ta' azzjoni fl-ikel applikabbli fil-Ġappun. Kontaminazzjoni bħal din tista' tkun ta' theddida għas-saħħa pubblika u tal-annimali fl-Unjoni u għalhekk ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 961/2011 ([2]).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 jistipula li kunsinni ta' prodotti koperti b'dak ir-Regolament għandhom ikunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni ffirmata minn rappreżentant awtorizzat tal-awtorità kompetenti tal-Ġappun u li turi, *inter alia*, minn fejn oriġinat il-kunsinna u minn fejn hija ikkusinnata. Il-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni jvarja skont jekk il-prodotti oriġinawx jew humiex sejrin fi prefettura viċin tal-impjant nukleari ta' Fukushima jew le.

(4) Għal kunsinni li joriġinaw fil-prefettura ta' Fukushima u fl-10 prefetturi fil-qrib, l-awtoritajiet Ġappuniżi għandhom jiċċertifikaw li l-livelli tar-radjonuklidi ċesju-134 u ċesju-137 fil-kunsinni ma jaqbżux il-livelli massimi stipulati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew fil-punt tad-dħul deżinjat fl-Unjoni għandhom jagħmlu kontrolli fiżiċi u tal-identità, inkluża analiżi laboratorja għall-preżenza ta' ċesju-134 u ċesju-137, fuq tal-anqas 10 % ta' dawn il-kunsinni.

(5) Għal kunsinni mibgħuta mill-prefettura ta' Fukushima u mill-10 prefetturi fil-qrib, l-awtoritajiet Ġappuniżi għandhom jiċċertifikaw li l-kunsinni ma kinux esposti għar-radjuattività matul it-tranżitu. F'każijiet bħal dawn, kif ukoll f'każijiet fejn il-kunsinni joriġinaw u huma kkunsinnati minn prefetturi oħrajn fil-Ġappun barra Fukushima u l-10 prefetturi tal-madwar, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew tal-punt tad-dħul fl-Unjoni għandhom iwettqu kontrolli fiżiċi u tal-identità, inkluża analiżi laboratorja għall-preżenza ta' ċesju-134 u ċesju-137, fuq mill-inqas 20 % ta' dawn il-kunsinni.

(6) Ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli, inkluż l-analiżi laboratorja, imwettqa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew tal-punt tad-dħul fl-Unjoni jindikaw li l-miżuri ta' kontroll fuq l-għalf u l-ikel maħsub għall-esportazzjoni fl-Unjoni huma applikati sewwa u b'mod effiċjenti mill-awtoritajiet Ġappuniżi. Għalhekk huwa xieraq li titnaqqas il-frekwenza tal-kontrolli imwettqa fuq kunsinni bħal dawn mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew tal-punt tad-dħul deżinjat fl-Unjoni.

(7) Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 għandu japplika sal-31 ta' Marzu 2012. L-awtoritajiet kompetenti Ġappuniżi għadhom jissorveljaw il-preżenza ta' radjuattività fl-għalf u fl-ikel. Ir-riżultati ta' dik is-sorveljanza juru li ċertu għalf u ikel fil-prefetturi qrib l-impjant nukleari ta' Fukushima għad għandhom livelli ta' radjuattività 'l fuq mil-livelli ta' azzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li d-data ta' applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 tiġi estiża.

(8) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 252, 28.9.2011, p. 10.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Dispożizzjonijiet emendatorji**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) kontrolli fiżiċi u tal-identità, inkluża analiżi laboratorja għall-preżenza ta' ċesju-134 u ċesju-137, fuq tal-anqas:

— 5 % tal-kunsinni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2(3)(d) u

— 10 % tal-kunsinni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2(3)(b) u (c)."

(2) Fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu, id-data "31 ta' Marzu 2012" tinbidel bid-data "31 ta' Ottubru 2012".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 251/2012

## tal-21 ta' Marzu 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 188,6 |
| | JO | 64,0 |
| | MA | 47,9 |
| | TN | 68,9 |
| | TR | 96,0 |
| | ZZ | 93,1 |
| 0707 00 05 | JO | 107,2 |
| | TR | 165,2 |
| | ZZ | 136,2 |
| 0709 91 00 | EG | 76,0 |
| | ZZ | 76,0 |
| 0709 93 10 | JO | 225,1 |
| | MA | 55,1 |
| | TR | 127,5 |
| | ZZ | 135,9 |
| 0805 10 20 | EG | 52,6 |
| | IL | 79,2 |
| | MA | 52,2 |
| | TN | 80,1 |
| | TR | 70,0 |
| | ZZ | 66,8 |
| 0805 50 10 | EG | 43,8 |
| | TR | 52,6 |
| | ZZ | 48,2 |
| 0808 10 80 | AR | 89,5 |
| | BR | 83,2 |
| | CA | 125,0 |
| | CL | 84,7 |
| | CN | 108,7 |
| | MK | 31,8 |
| | US | 160,0 |
| | UY | 74,9 |
| | ZA | 119,9 |
| | ZZ | 97,5 |
| 0808 30 90 | AR | 85,1 |
| | CL | 123,8 |
| | CN | 63,0 |
| | ZA | 91,4 |
| | ZZ | 90,8 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 534/09/COL

## tas-16 ta' Diċembru 2009

## li temenda, għat-tmienja u s-sebgħin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi kapitolu ġdid dwar l-aħjar prattika għat-tmexxija tal-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar il-Ħolqien ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

BILLI taħt l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat,

BILLI taħt l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti jipprovdu hekk espressament jew jekk l-Awtorità tqis li hu meħtieġ,

FILWAQT LI TFAKKAR ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat adottati fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità [4],

BILLI fis-16 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni Ewropea adottat Kodiċi tal-Aħjar Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat [5],

BILLI din il-Komunikazzjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

BILLI applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat taż-ŻEE għandha tkun żgurata fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

BILLI, skont il-punt II taħt l-intestatura "ĠENERALI" fl-aħħar tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Awtorità Ewropea, atti li jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Awtorità Ewropea,

WARA LI KKONSULTAT lill-Awtorità Ewropea u lill-Istati EFTA b'ittri dwar dan is-suġġett datati l-20 ta' Novembru 2009 (l-Avvenimenti Nri 537430, 537439 u 537441),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għandhom ikunu modifikati bl-introduzzjoni ta' kapitolu ġdid dwar il-proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti tipi ta' għajnuna mill-Istat. Il-kapitolu l-ġdid jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

---

(1) Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità.
(2) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE.
(3) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
(4) Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ĠU) L 231 3.9.1994 p. 1, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 32 3.9.1994 p. 1. Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Il-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tinsab fuq il-websjat tal-Awtorità. http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/.
(5) ĠU L 136, 16.6.2009, p. 13.

*Artikolu 2*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Per SANDERUD
*Il-President*

Kristján A. STEFÁNSSON
*Membru tal-Kulleġġ*

*ANNESS*

**LINJI GWIDA DWAR L-AĦJAR PRATTIKA GĦAT-TMEXXIJA TAL-PROĊEDURI TA' KONTROLL TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT** ([1])

## 1 Dwar l-ambitu u l-għan

(1) L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (l-Awtorità) toħroġ dawn il-Linji gwida dwar l-Aħjar Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat sabiex tagħmel il-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat produttivi u effiċjenti kemm jista' jkun għall-partijiet kollha kkonċernati.

(2) Dan il-Kapitolu tal-Linji gwida tal-Awtorità huwa mibni fuq l-esperjenza li ġiet mill-applikazzjoni tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ("il-Parti II tal-Protokoll 3") ([2]). L-għan prinċipali ta' dan il-Kapitolu hu li jipprovdi gwida dwar kif jitmexxew ta' kuljum il-proċeduri dwar l-għajnuna mill-Istat u b'hekk jitrawwem spirtu ta' kooperazjoni aħjar u ftehim reċiproku bejn l-Awtorità l-Istati tal-EFTA u l-komunità legali u kummerċjali.

(3) Titjib b'suċċess tal-proċeduri għall-għajnuna mill-Istat jeħtieġu dixxiplina miż-żewġ naħat u impenn reċiproku kemm min-naħa tal-Awtorità kif ukoll tal-Istati tal-EFTA. Waqt li l-Awtorità se taħdem biex ittejjeb il-kooperazzjoni tagħha mal-Istati tal-EFTA u mal-partijiet interessati, hi ukoll se taħdem sabiex ittejjeb il-kondotta tal-investigazzjonijiet tagħha u tal-proċess intern tagħha ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex tassigura trasparenza akbar, previdibbiltà u effiċjenza tal-proċeduri ta' għajnuna mill-Istat.

(4) B'konformità mal-arkitettura moderna tal-għajnuna mill-Istat, dan il-Kapitolu hu l-aħħar parti ta' pakkett ta' simplifikazzjoni li jinkludi l-Linji gwida tal-Awtorità dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċertu tipi ta' għajnuna mill-Istat ([3]) u l-Linji gwida tal-Awtorità dwar l-infurzar tal-għajnuna mill-Istat mill-qrati nazzjonali ([4]) li jikkontribwixxi għal proċeduri aktar previdibbli u trasparenti.

(5) Il-fatturi speċifiċi ta' każ individwali jistgħu madanakollu jirrikjedu adattament ta', jew devjazzjoni minn dan il-Kapitolu ([5]).

(6) Barra minn hekk, safejn il-Ftehim taż-ŻEE japplika għal dan is-settur, l-ispeċifiċitajiet tas-setturi tas-sajd u tal-akwakultura u tal-attivitajiet tal-produzzjoni primarja, kummerċjalizzazzjoni jew ipproċessar tal-prodotti tal-agrikoltura jistgħu wkoll jiġġustifikaw devjazzjoni minn dan il-Kapitolu tal-Linji gwida.

## 2 Relazzjoni mal-liġi taż-ŻEE

(7) Dan il-Kapitolu mhux intiż li jipprovdi rendikont sħiħ jew komprensiv tal-miżuri leġiżlattivi, interpretattivi u amministrattivi relevanti li jirregolaw il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Għandu jinqara flimkien ma' u bħala suppliment għar-regoli bażiċi li jirregolaw il-proċeduri għall-għajnuna mill-Istat.

(8) Għalhekk, dan il-Kapitolu ma joħloqx jew ibiddel xi drittijiet jew obbligi kif stabbliti fil-Ftehim taż-ŻEE, il-Protokoll 3 u d-Deċiżjoni Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 ([6]) kif emendata, kif interpretata mill-każistika tal-Qorti tal-EFTA u l-Qrati tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(9) Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-Aħjar Prattiki għal kuljum sabiex jikkontribwixxu għal proċeduri ta' għajnuna mill-Istat aktar bil-ħeffa, aktar trasparenti u aktar previdibbli f'kull pass tal-investigazzjoni ta' każ jew ilment innotifikat jew mhux innotifikat.

---

([1]) Dan il-Kapitolu jikkorispondi għall-Kapitolu tal-Aħjar Prattika tal-Kummissjoni għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat (ĠU C 136, 16.6.2009, p. 13).

([2]) Il-Parti II tal-Protokoll 3 jikkorispondi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

([3]) ĠU L 75, 15.3.2012, p. 26 u s-Suppliment ŻEE Nru 14, 15.3.2012, p. 1, disponibbli fuq il-websajt: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/ Dawn il-Linji gwida jikkorispondu mal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti tipi ta' għajnuna mill-Istat (ĠU C 136, 16.6.2009, p. 3).

([4]) Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU jew fis-Suppliment taż-ŻEE. Dawn il-linji gwida jikkorispondu għall-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat mill-qrati nazzjonali (ĠU C 85, 9.4.2009, p. 1).

([5]) Fil-kuntest tal-kriżi bankarja tal-2008, il-Awtorit ħadet passi adegwati sabiex tiżgura l-adozzjoni veloċi ta' deċiżjonijiet man-notifika sħiħa, jekk ikun hemm bżonn fi żmien 24 siegħa u matul tmiem il-ġimgħa. Ara l-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meħdua fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti (għadu mhux ippubblikat fil-ĠU jew ifs-Suppliment taż-ŻEE) li jikkorispondi għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meħdua fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1). Fir-rigward tal-ekonomija reali ara l-Qafas Temporanju tal-Awtorità dwar miżuri ta' għajnuna mill-Istati biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, li jikkorispondi għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istati biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali.

([6]) Id-Deċiżjoni Nru 195/04/COL (ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37, is-Suppliment taż-ŻEE Nru 26, 25.5.2006, p. 1) li tikkorispondi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal- 21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1), li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 659/1999.

## 3 Il-kuntatti ta' qabel in-notifika

(10) L-esperjenza tal-Awtorità turi l-valur miżjud tal-kuntatti ta' qabel in-notifika, anke f'każijiet li jidhru standard. Kuntatti ta' qabel in-notifika jipprovdu lill-Awtorità u lill-Istat tal-EFTA li jinnotifika bil-possibbiltà li jiddiskuti l-aspetti legali u ekonomiċi ta' proġett propost b'mod informali u kunfidenzjali qabel in-notifikazzjoni, u għalhekk iżid fil-kwalità u kompletezza tan-notifikazzjonijiet. F'dan il-kuntest, l-Istat tal-EFTA u l-Awtorità jistgħu wkoll b'mod konġunt jiżviluppaw proposti kostruttivi sabiex jiġu emendati aspetti problematiċi ta' miżura ppjanata. Din il-fażi għalhekk tħejji t-triq għal trattament ta' notifiki aktar mgħaġġel, ladarba jiġu ppreżentati formalment lill-Awtorità. Notifiki minn qabel b'suċċess għandhom b'mod effettiv jippermettu lill-Awtorità sabiex tadotta deċiżjonijiet skont l-Artikolu 4(2), (3) u (4) tal-Parti II tal-Protokoll 3 fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika [1].

(11) Kuntatti ta' qabel in-notifika huma rakkomandati b'mod qawwi għal każijiet fejn hemm affarijiet ġodda partikolari jew fatturi speċifiċi li jistgħu jiġġustifikaw diskussjonijiet preċedenti informali mal-Awtorità, iżda se tingħata gwida informali kull meta Stat tal-EFTA jitlob għaliha.

### 3.1 *Werrej*

(12) Il-fażi ta' qabel in-notifika toffri l-possibbiltà biex jiġi diskuss u tiġi pprovduta gwida lill-Istat tal-EFTA kkonċernat dwar l-iskop tal-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa fil-formola tan-notifika sabiex tassigura l-kompletezza tagħha sa mid-data tan-notifika. Fażi ta' qabel in-notifika produttiva tippermetti wkoll diskussjonijiet, f'atmosfera miftuħa u kostruttiva, dwar kull kwistjoni sostantiva mqajma minn miżura ppjanata. Din hi partikolarment importanti f'dak li jirrigwarda proġetti li ma setgħux jiġu aċċettati kif kienu u għalhekk kellhom jiġu rtirati jew emendati b'mod sinifikanti. Din tista' wkoll tinkludi analiżi dwar id-disponibbiltà ta' bażijiet legali oħra jew l-identifikazzjoni ta' preċedenti relevanti. Barra minn hekk, suċċess fil-fażi ta' qabel in-notifika jippermetti lill-Awtorità u lill-Istat tal-EFTA li jindirizzaw kwistjonijiet prinċipali ta' kompetizzjoni, analiżi ekonomika u fejn ikun xieraq, esperti esterni meħtieġa sabiex juru l-kompatibbiltà ta' proġett ippjanat mal-Ftehim taż-ŻEE. L-Istat tal-EFTA li qed jinnotifika jista' għalhekk jitlob ukoll lill-Awtorità, qabel in-notifika, sabiex tneħħi l-obbligu li tingħata ċertu informazzjoni li ġiet prevista fil-formola tan-notifika li fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ mhix meħtieġa għall-eżami tagħha. Finalment, il-fażi ta' qabel in-notifika hi deċisiva sabiex tiddetermina jekk każ jikkwalifikax *prima facie* għat-trattament taħt il-proċedura ssimplifikata [2].

### 3.2 *Ambitu u tempestività*

(13) Sabiex jippermetti fażi ta' qabel in-notifika li hi kostruttiva u effiċjenti, hu fl-interess tal-Istat tal-EFTA kkonċernat li jipprovdi lill-Awtorità bl-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni ta' proġett għall-għajnuna mill-Istat ppjanat, fuq il-bażi ta' abbozz formola ta' notifika. Sabiex ikun assigurat it-trattament ta' malajr tal-każ, kuntatt permezz tal-posta elettronika jew telefonati konferenza se jiġu ppreferuti aktar milli laqgħat. L-Awtorità normalment torganizzaw l-ewwel kuntatt ta' qabel in-notifika fi żmien ġimgħatejn minn meta jasal l-abbozz tal-formola ta' notifika.

(14) Bħala regola ġenerali, kuntatti ta' qabel in-notifika m'għandhomx jieħdu aktar minn xahrejn u wara għandha ssir notifika sħiħa. Fil-każ li l-kuntatti ta' qabel in-notifika ma jagħtux ir-riżultati mistennija, l-Awtorità tista' tiddikjara l-għeluq tal-fażi ta' qbel in-notifika. Madankollu, peress li ż-żminijiet u l-format tal-kuntatti ta' qabel in-notifika jiddependu fuq il-kumplessità tal-każ individwali, kuntatti ta' qabel in-notifika jistgħu jdumu bosta xhur. L-Awtorità għalhekk tirrakkomanda li, f'każijiet li huma partikolarment kumplessi (pereżempju għajnuna ta' salvataġġ, għajnuna kbira għar-Riċerka u l-Iżvilupp, għajnuna individwali kbira jew skemi ta' għajnuna partikolarment kbar jew kumplessi), l-Istati tal-EFTA jibdew il-kuntatti ta' qabel in-notifika fi stadju kmieni kemm jista' jkun sabiex jippermettu diskussjonijiet sodisfaċenti.

(15) Skont l-esperjenza tal-Awtorità, jekk fil-kuntatti ta' qabel in-notifika jiġi involut min jirċievi l-għajnuna dan ikun utli ħafna, b'mod partikolari għal każijiet b'implikazzjonijiet kbar tekniċi u finanzjarji relatati ma' proġett. L-Awtorità għalhekk tirrakkomanda li l-benefiċjarji tal-għajnuna individwali jiġu involuti fil-kuntatti ta' qabel in-notifika.

(16) L-Awtorità se tipprova tipprovdi lill-Istat tal-EFTA kkonċernat b'valutazzjoni preliminari informali tal-proġett fl-aħħar tal-fażi ta' qabel in-notifika, ħlief f'każijiet partikolarment ġodda jew kumplessi. Dik il-valutazzjoni li ma torbotx mhux se tkun il-pożizzjoni uffiċjali tal-Awtorità, iżda se tirrappreżenta gwida informali dwar il-kompletezza tan-notifika abbozzata u l-kompatibbiltà *prima facie* tal-proġett ppjanat mal-Ftehim taż-ŻEE. F'każijiet partikolarment kumplessi, l-Awtorità tista' wkoll tipprovdu gwida bil-miktub, fuq talba tal-Istat tal-EFTA, dwar l-informazzjoni li tkun għad trid tingħata.

(17) Il-kuntatti ta' qabel in-notifika jinżammu strettament kunfidenzjali. Id-diskussjonijiet iseħħu fuq bażi volontarja u jibqgħu bla ħsara għall-immaniġġjar u l-investigazzjoni tal-każ wara n-notifika formali.

---
[1] Dan il-limitu ta' żmien ma jistax jiġi rispettat meta l-Awtorità trid toħroġ diversi talbiet għal informazzjoni minħabba notifiki mhux kompluti.
[2] Ara l-Linji gwida dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti każijiet ta' għajnuna mill-Istat.

(18) L-Awtorità se tipprova tilqa' talbiet għas-sessjonijiet tat-taħriġ mill-Istati tal-EFTA sabiex ittejjeb il-kwalità tan-notifiki. L-Awtorità se żżomm ukoll kuntatt regolari mal-Istati tal-EFTA sabiex tiddiskuti aktar titjib fil-proċeduri għall-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari rigward l-ambitu u l-kontenut tal-formoli ta' notifika applikabbli.

## 4 Pjanifikazzjoni miftiehma b'mod reċiproku

(19) F'każijiet li huma partikolarment ġodda, teknikament kumplessi jew altrimenti sensittivi, jew li għandhom jiġu eżaminati minħabba urġenza assoluta, l-Awtorità se toffri pjanifikazzjoni miftiehma b'mod reċiproku lill-Istat tal-EFTA li qed jinnotifika sabiex jiżdiedu t-trasparenza u prevedibbiltà tad-dewmien probabbli ta' investigazzjoni għall-għajnuna mill-Istat.

### 4.1 *Werrej*

(20) Pjanifikazzjoni miftehma b'mod reċiproku hija forma ta' kooperazzjoni strutturata bejn l-Istat tal-EFTA u l-Awtorità, ibbażata fuq ippjanar konġunt u ftehim konġunt għat-triq li x'aktarx tieħu l-investigazzjoni u kemm tkun mistennija ddum.

(21) F'dan il-kuntest, l-Awtorità u l-Istat tal-EFTA li qed jinnotifika jistgħu b'mod partikolari jifthiemu fuq:

— it-trattament prijoritarju tal-każ in kwistjoni għall-aċċettazzjoni minn naħa tal-Istat tal-EFTA tas-sospensjoni formali tal-investigazzjoni [1] tal-każijiet l-oħra notifikati li joriġinaw mill-istess Stat tal-EFTA, jekk dan ikun meħtieġ għar-raġunijiet tal-pjanifikazzjoni jew tar-riżorsi.

— l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istat tal-EFTA u/jew mill-benefiċarju kkonċernat, inklużi l-istudji, kompetenzi esterni jew ġbir ta' informazzjoni unilaterali mis-servizzi tal-Awtorità, u

— il-forma u t-tul taż-żmien probabbli tal-valutazzjoni tal-każ mill-Awtorità, ladarba jiġu nnotifikati.

(22) Bħala kumpens għall-isforzi tal-Istati tal-EFTA sabiex jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa fi żmien xieraq u kif miftiehem fil-kuntest tal-ippjanar miftiehem b'mod reċiproku, l-Awtorità se tipprova tirrispetta l-qafas taż-żmien li kien ġie miftiehem għal aktar investigazzjoni tal-każ, sakemm l-informazzjoni pprovduta mill-Istat tal-EFTA jew minn partijiet interessati ma toħloqx xi kwistjonijiet mhux mistennija.

### 4.2 *Ambitu u tempestività*

(23) Il-pjanifikazzjoni miftiehma b'mod reċiproku prinċipalment se tkun riżervata għall-każijiet li huma tant ġodda, teknikament kumplessi jew altrimenti sensittivi li valutazzjoni preliminari ċara tal-każ mill-Awtorità hi impossibbli fl-aħħar tal-fażi ta' qabel in-notifika. F'każijiet bħal dawn, l-ippjanar miftiehem b'mod reċiproku se jsir fl-aħħar tal-fażi ta' qabel in-notifika, u jkun segwit min-notifika formali.

(24) Madanakollu, l-Awtorità u l-Istat tal-EFTA kkonċernat jistgħu wkoll jaqblu, fuq talba ta' dan tal-aħħar, fuq pjanifikazzjoni miftiehma b'mod reċiproku għal trattament tal-każ ulterjuri mill-bidu tal-proċedura investigativa formali.

## 5 L-eżami preliminari tal-miżuri nnotifikati

### 5.1 *Talbiet għall-informazzjoni*

(25) Sabiex tissimplifika l-kors tal-investigazzjoni, l-Awtorità se tipprova tiġbor it-talbiet għall-informazzjoni waqt il-fażi tal-eżami preliminari. Fil-prinċipju, għalhekk se jkun hemm biss talba waħda komprensiva għall-informazzjoni li normalment għandha tintbagħat fi żmien 4-6 ġimgħat wara d-data tan-notifika. Sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor fil-pjanifikazzjoni miftehma b'mod reċiproku, notifika minn qabel għandha tippermetti lill-Istati tal-EFTA sabiex jippreżentaw notifika sħiħa u b'hekk inaqqsu l-bżonn għal informazzjoni addizzjonali. Madanakollu, l-Awtorità tista' sussegwentement tqajjem mistoqsijiet b'mod partikolari fuq punti li ġew mqajma mit-tweġibiet tal-Istati tal-EFTA, għalkemm dan mhux neċessarjament jindika li l-Awtorità qed tesperjenza diffikultajiet serji fil-valutazzjoni tal-każ.

(26) Jekk l-Istat tal-EFTA jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni mitluba fil-perjodu preskritt, l-Artikolu 5(3) tal-Parti II tal-Protokoll 3, wara nota waħda ta' tfakkir, normalment jiġi applikat, u l-Istat tal-EFTA għandu jiġi informat li n-notifika se tkun meqjusa li ġiet irtirata. Kull meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa, ġeneralment, l-aktar wara żewġ sessjonijiet ta' mistoqsijiet, normalment tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali.

### 5.2 *Sospensjoni miftiehma tal-investigazzjoni preliminari*

(27) F'ċerti ċirkostanzi, it-triq tal-investigazzjoni preliminari tista' tiġi sospiża jekk Stat tal-EFTA jirrikjedi li ssir emenda lill-proġett tiegħu u jġibu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, jew inkella permezz ta' ftehim komuni. Sospensjoni tista' biss tingħata għal perjodu ta' żmien miftiehem minn qabel. Jekk l-Istat tal-EFTA jonqos milli jippreżenta proġett

[1] Ara l-Artikolu 4(5) tal-Protokoll 3.

komplut li huwa *prima facie* kompatibbli sal-aħħar tal-perjodu ta' sospensjoni, l-Awtorità terġa tagħti bidu għall-proċedura mill-punt fejn din tkun twaqqfet. L-Istat tal-EFTA kkonċernat normalment jiġi nfurmat li n-notifika hi meqjusa li ġiet irtirata, jew li l-proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet miftuħa mingħajr dewmien f'każ ta' dubji serji.

5.3 *Il-kuntatti tal-qagħda attwali*

(28) Fuq talba tagħhom, l-Istati tal-EFTA li qed jinnotifikaw se jiġu informati dwar il-qagħda attwali tal-eżami preliminari li għadha sejra. L-Istati tal-EFTA huma mistiedna li jinvolvu lill-benefiċjarju tal-għajnuna individwali f'dawn il-kuntatti.

## 6 Il-proċedura ta' investigazzjoni formali

(29) Fid-dawl tal-kumplessità ġenerali tal-każijiet li huma soġġetti għal investigazzjoni formali, l-Awtorità hija impenjata li ttejjeb it-trasparenza, il-prevedibbiltà u l-effiċjenza ta' din il-fażi bħala kwistjoni ta' prijorità assoluta, sabiex tikkontribwixxi għal deċiżjoni sinifikanti skont il-bżonnijiet tan-negozju modern. L-Awtorità għalhekk se tissimplifika l-kondotta tal-investigazzjonijiet formali permezz ta' użu effiċjenti tal-mezzi kollha tal-proċedura li għandha għad-dispożizzjoni tagħha taħt il-Parti II tal-Protokoll 3.

6.1 *Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni u sommarju ta' sinifikat*

(30) Fejn l-Istat tal-EFTA kkonċernat ma jitlobx għat-tneħħija tal-informazzjoni kunfidenzjali, l-Awtorità se tipprova tippubblika d-deċiżjoni tagħha sabiex tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, inklużi s-sommarji sinifikattivi, fi żmien xahrejn mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

(31) Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim dwar kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità, l-Awtorità se tapplika l-prinċipji tal-Linji gwida tagħha dwar is-segretezza professjonali f'deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat ([1]), u tipprova mill-aħjar li tista' sabiex tipproċedi bil-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli wara l-adozzjoni tagħha. L-istess se japplika għall-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet finali kollha.

(32) Sabiex tiġi mtejba t-trasparenza tal-proċedura, l-Istat tal-EFTA, il-benefiċjarju u l-partijiet interessati l-oħra (b'mod partikolari min potenzjalment iressaq ilment) se jkunu informati dwar kull dewmien li nħoloq minħabba nuqqas ta' ftehim li jikkonċerna kwistjonijiet kunfidenzjali.

6.2 *Kummenti tal-partijiet interessati*

(33) Skont l-Artikolu 6 tal-Parti II tal-Protokoll 3, il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw kummenti f'perjodu preskritt li normalment m'għandux ikun iktar minn xahar mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni sabiex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali. Dan il-limitu taż-żmien normalment mhux se jkun estiż, u l-Awtorità b'hekk mhux se taċċetta kwalunkwe preżentazzjoni ta' informazzjoni minn partijiet interessati li tasal tard, inkluż mill-benefiċjarju tal-għajnuna ([2]). Estensjonijiet jistgħu jingħataw biss f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, bħal per eżempju l-għoti ta' informazzjoni fattwali partikolarment voluminuża jew wara kuntatt bejn l-Awtorità u l-partijiet interessati kkonċernati.

(34) Sabiex ittejjeb il-bażi fattwali tal-investigazzjoni ta' każijiet partikolarment kumplessi, l-Awtorità tista' tibgħat kopja tad-deċiżjoni sabiex jiftħu l-proċedura ta' investigazzjoni formali lill-partijiet interessati identifikati inklużi assoċjazzjonijiet ta' sengħa jew negozju u tistedinhom sabiex jikkummentaw fuq aspetti speċifiċi tal-każ ([3]). Kooperazzjoni ta' partijiet interessati f'dan il-kuntest hi purament volontarja, iżda jekk parti interessata tagħżel li tipprovdi kummenti, hu fl-interess tagħha li tippreżenta dawk il-kummenti fi żmien xieraq sabiex l-Awtorità tkun tista' tikkunsidrahom. Għalhekk, l-Awtorità tistieden lill-partijiet interessati sabiex jagħtu r-reazzjoni tagħhom fi żmien xahar mid-data li fiha l-kopja tad-deċiżjoni tintbagħatilhom. L-Awtorità mhux se tistenna aktar sabiex jiġu sottomessi dawk il-kummenti. Sabiex tiżgura trattament ugwali bejn il-partijiet interessati l-Awtorità se tibgħat l-istess stedina sabiex jikkummenta lill-benefiċjarju tal-għajnuna. Sabiex tirrispetta d-dritt ta' difiża ta' Stat tal-EFTA, hi se tibgħat lill-Istat tal-EFTA verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull kumment irċevut minn partijiet interessati u tistieden lill-Istat tal-EFTA sabiex iwieġeb fi żmien xahar.

(35) Sabiex tiġi assigurata t-trażmissjoni tal-kummenti kollha tal-partijiet interessati lill-Istati tal-EFTA kkonċernati bl-aktar mod espedjenti, l-Istati tal-EFTA, kemm jista' jkun possibbli, se jiġu mistiedna sabiex jaċċettaw it-trażmissjoni ta' kummenti minn partijiet interessati fil-lingwa oriġinali tagħhom. Fuq talba ta' Stat tal-EFTA, l-Awtorità se tipprovdi traduzzjoni, li jista' jkollha implikazzjonijiet rigward l-espedjenza tal-proċeduri.

(36) L-Istati tal-EFTA se jiġu informati wkoll dwar nuqqas ta' kummenti minn partijiet interessati.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ Nru 15/04/COL tat-18 ta' Frar 2004 (ĠU L 154, 8.6.2006, p. 27 u s-Suppliment ŻEE Nru 29, 8.6.2006, p. 1). Dawn il-Linji gwdia jikkorispondu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-1 ta' Diċembru 2003 dwar is-segretezzza professjonali f'deċiżjonijiet dwar għajnuna mill-Istat (ĠU C 297, 9.12.2003, p. 6).

([2]) Bla ħsara għall-Artikolu 10(1) tal-Parti II tal-Protokoll 3.

([3]) Skont każistika stabbilità, l-Awtorità hi ntitolata li tibgħat id-deċiżjoni sabiex tiftaħ l-investigazzjoni formali lil partijiet terzi identifikati; ara per eżempju, il-Każ T-198/01, *Technische Glaswerke Ilmenau* v. *Il-Kummissjoni* [2004] ECR II-2717, paragrafu 195; T-198/01R, *Technische Glaswerke Ilmenau* v. *Il-Kummissjoni* [2002] ECR II-2153; Każijiet Konġunti C-74/00 P u C-75/00 P, *Falck Spa u oħrajn* v. *Il-Kummissjoni* [2002] ECR I-7869, paragrafu 83.

6.3 *Kummenti mill-Istati tal-EFTA*

(37) Sabiex tassigura li l-proċedura ta' investigazzjoni formali titlesta fiż-żmien stipulat, l-Awtorità se tinforza mill-qrib kull limitu ta' żmien applikabbli għal din il-fażi taħt il-Parti II tal-Protokoll 3. Jekk Stat tal-EFTA ma jippreżentax il-kummenti tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Awtorità li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali u dwar kummenti minn partijiet interessati fi-żmien xahar kif stipulat fl-Artikolu 6(1) tal-Parti II tal-Protokoll 3, l-Awtorità se tibgħat immedjatament nota ta' tfakkir li tagħti lill-Istat tal-EFTA kkonċernat perjodu addizzjonali ta' xahar u tinformah li mhux se tingħata estensjoni oħra, ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Fin-nuqqas ta' tweġiba sodisfaċenti mill-Istat tal-EFTA kkonċernat, l-Awtorità se tieħu deċiżjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, skont l-Artikolu 7(7) u l-Artikolu 13(1) tal-Parti II tal-Protokoll 3.

(38) Fil-każ ta' għajnuna illegali, u fin-nuqqas ta' kummenti mill-Istat tal-EFTA dwar id-deċiżjoni sabiex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità, skont l-Artikolu 10 tal-Parti II tal-Protokoll 3, se toħroġ inġunzjoni għall-għoti ta' informazzjoni. Jekk l-Istat tal-EFTA ma jirrispondix għal din l-inġunzjoni fiż-żmien stipulat fiha, l-Awtorità se tieħu deċiżjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha.

6.4 *Talba għal informazzjoni addizzjonali*

(39) Ma jistax jiġi eskluż li, f'każijiet partikolarment kumplessi, li l-informazzjoni ppreżentata mill-Istat tal-EFTA bi tweġiba għad-deċiżjoni sabiex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali tista' teħtieġ li l-Awtorità tibgħat talba oħra għal informazzjoni. Se jingħata limitu ta' żmien ta' xahar sabiex l-Istat tal-EFTA jwieġeb.

(40) Jekk l-Istat tal-EFTA ma jwiġiebx fiż-żmien stipulat, l-Awtorità se tibgħat immedjatament nota ta' tfakkir li fiha tagħti skadenza aħħarija ta' 15-il ġurnata ta' xogħol u tinforma lill-Istat tal-EFTA kkonċernat li l-Awtorità wara dan se tieħu deċiżjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, jew toħroġ inġunzjoni għall-għoti ta' informazzjoni fil-każ ta' għajnuna illegali.

6.5 *Sospensjoni ġġustifikata tal-investigazzjoni formali*

(41) L-investigazzjoni formali tista' tiġi sospiża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u bi ftehim komuni bejn l-Awtorità u l-Istat tal-EFTA kkonċernat. Sospensjoni tista', per eżempju, isseħħ jekk l-Istat tal-EFTA jitlob din is-sospensjoni b'mod formali sabiex iġib il-proġett tiegħu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, jew jekk hemm proċeduri legali pendenti quddiem il-Qorti tal-EFTA jew il-Qrati tal-UE dwar kwistjonijiet simili, li r-riżultat tagħhom x'aktarx se jkollu impatt fuq il-valutazzjoni tal-każ.

(42) Sospensjoni tista' normalment tingħata darba biss, u għal perjodu miftiehem minn qabel bejn l-Awtorità u l-Istat tal-EFTA kkonċernat.

6.6 *Adozzjoni tad-deċiżjoni finali u estensjoni ġustifikata tal-invetigazzjoni formali*

(43) Skont l-Artikolu 7(6) tal-Parti II tal-Protokoll 3, l-Awtorità se tipprova, kemm jista' jkun, tħabrek biex tadotta deċiżjoni fi żmien 18-il xahar mill-ftuħ tal-proċedura. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż bi ftehim komuni bejn l-Awtorità u l-Istat tal-EFTA kkonċernat. Estensjoni tad-dewmien tal-investigazzjoni tista' tkun xierqa b'mod partikolari f'każijiet li jikkonċernaw proġetti ġodda jew li jqajmu kwistjonijiet legali ġodda.

(44) Sabiex tassigura implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 7(6) tal-Parti II tal-Protokoll 3, l-Awtorità se tipprova tadotta d-deċiżjoni finali mhux aktar tard minn 4 xhur wara l-preżentazzjoni tal-aħħar informazzjoni mill-Istat tal-EFTA, jew l-għeluq tal-aħħar limitu ta' żmien li fih ma waslet l-ebda informazzjoni.

7 **Ilmenti**

(45) L-immaniġġjar effiċjenti u trasparenti mill-Awtorità tal-ilmenti miġjubin quddiemha għandu importanza konsiderevoli għall-partijiet interessati kollha fil-proċedura għall-għajnuna mill-Istat. L-Awtorità għalhekk tipproponi l-Aħjar Prattiki li ġejjin, li huma mfasslin sabiex jikkontribwixxu għal dan l-għan konġunt.

7.1 *Il-formola tal-ilmenti*

(46) L-Awtorità se tistieden lil min jilmenta biex juża l-formola tal-ilment fuq il-websajt tagħha (http://www.eftasurv.int/media/documents/Complaint-form—State-aid.doc) u, fl-istess ħin, biex jissottometti l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Il-preżentazzjoni ta' formoli kompluti normalment jagħtu ċans lil min jagħmel l-ilment sabiex itejjeb il-kwalità tas-sottomissjonijiet tiegħu.

7.2 *Perjodu ta' żmien indikattiv u riżultat tal-investigazzjoni ta' lment*

(47) L-Awtorità se tagħmel mill-aħjar li tista' sabiex tinvestiga l-ilment fi żmien indikattiv ta' tnax-il xahar minn meta tirċevih. Dan il-limitu ta' żmien ma jikkostitwixxix impenn li jorbot. Skont iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, l-possibbiltà li jkun hemm bżonn li tintalab informazzjoni kumplimentari mingħand min qiegħed jilmenta, l-Istat tal-EFTA jew partijiet interessati jistgħu jtawwlu l-investigazzjoni tal-ilment.

(48) L-Awtorità hi intitolata li tagħti gradi differenti ta' prijorità lill-ilmenti miġjubin quddiemha ([1]) skont per eżempju l-ambitu tal-ksur allegat, id-daqs tal-benefiċjarju, is-settur ekonomiku kkonċernat jew l-eżistenza ta' ilmenti simili. Fid-dawl tal-piż tax-xogħol tagħha u tad-dritt tagħha li tagħmel prijoritajiet għall-investigazzjonijiet ([2]), l-Awtorità tista' għalhekk tipposponi milli taħdem fuq miżura li mhix prijorità. Fi żmien tnax-il xahar, fil-prinċipju, l-Awtorità għalhekk, ser tipprova:

(a) tadotta deċiżjoni għal każijiet prijoritarji skont l-Artikolu 4 tal-Parti II tal-Protokoll 3, b'kopja indirizzata lil min qed jilmenta;

(b) tibgħat ittra amministrattiva inizjali lil min qed jilmenta fejn fiha tagħti l-opinjonijiet preliminari tagħha dwar każijiet li mhux prijoritarji. L-ittra amministrattiva mhix il-pożizzjoni uffiċjali tal-Awtorità, iżda hi biss l-opinjoni preliminari tal-Awtorità, ibbażata fuq informazzjoni disponibbli u sakemm ikun hemm kwalunkwe kumment addizzjonali li min qed jilmenta jista' jkun jrid jagħmel fiż-żmien xahar mid-data ta' din l-ittra. Jekk ma jaslux aktar kummenti sal-perjodu preskritt, l-ilment ser ikun meqjus li ġie rtirat.

(49) Minħabba raġuni ta' trasparenza, l-Awtorità se tuża l-aħjar ħiliet tagħha sabiex tinforma lil min għamel l-ilment dwar l-istatus ta' prijorità tas-sottomissjoni tiegħu fi żmien xahrejn mid-data ta' meta rċeviet l-ilment. F'każ ta' ilmenti mhux sostanzjati, l-Awtorità se tinforma lil min qiegħed jilmenta fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-ilment li ma hemmx bażi suffiċjenti sabiex tittieħed opinjoni fuq il-każ, u li l-ilment se jkun meqjus li ġie rtirat jekk ma jingħatawx kummenti aktar sostanzjati fi żmien xahar. F'dak li għandu x'jaqsam ma' ilmenti li jirreferu għal għajnuna approvata, l-Awtorità se tipprova tirrispondi wkoll lil min qiegħed jilmenta fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-ilment.

(50) F'każ ta' għajnuna illegali, min jilmenta se jkun imfakkar dwar il-possibbiltà li jibda azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali, li tista' tordna s-sospensjoni jew l-irkupru ta' din l-għajnuna ([3]).

(51) Fejn hu meħtieġ, il-verżjoni mhux kunfidenzjali ta' ilment se tiġi trażmessa lill-Istat tal-EFTA kkonċernat għall-kummenti. L-Istati tal-EFTA u min qed jilmenta, b'mod sistematiku, se jibqgħu informati dwar l-għeluq jew ipproċessar ieħor ta' ilment. Min-naħa tagħhom, l-Istati tal-EFTA se jiġu mistiedna sabiex jirrispettaw il-limitu taż-żmien sabiex jibagħtu l-kummenti tagħhom u jipprovdu informazzjoni dwar ilmenti li jirċievu. Huma se jiġu mistednin ukoll biex jaċċettaw, kemm jista' jkun possibbli, it-trażmissjoni tal-ilmenti fil-lingwa oriġinali tagħhom. Fuq talba ta' Stat tal-EFTA, is-servizzi tal-Awtorità se jipprovdu traduzzjoni, li jista' jkollha implikazzjonijiet rigward l-espedjenza tal-proċeduri.

## 8 Proċeduri interni biex jittieħdu deċiżjonijiet

(52) L-Awtorità hi impenjata sabiex tissimplifika u ttejjeb aktar il-proċess intern tagħha biex jittieħdu deċiżjonijiet, sabiex tikkontribwixxi għat-tqassir ġenerali tal-proċeduri għall-għajnuna mill-Istat.

(53) Għalhekk, proċeduri interni biex jittieħdu deċiżjonijiet se jiġu applikati kemm jista' jkun b'mod effiċjenti. L-Awtorità se tirrevedi wkoll il-qafas legali intern tagħha preżenti sabiex il-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha tisfruttahom kemm jista' jkun.

(54) L-Awtorità se jżomm taħt reviżjoni kontinwa, u tadatta jekk meħtieġ, il-prattika interna tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom.

## 9 Reviżjoni futura

(55) L-Aħjar Prattiki Proċedurali jistgħu jkunu effettivi biss jekk huma bbażati fuq impenn maqsum bejn l-Awtorità u l-Istati tal-EFTA sabiex b'mod diliġenti jwettqu investigazzjonijiet għall-għajnuna mill-Istat, jirrispettaw il-limiti taż-żmien applikabbli u b'hekk jassiguraw it-trasparenza u l-prevedibbiltà neċessarja tal-proċeduri. Dan il-Kapitolu u l-Aħjar Prattiki minquxin fih huma l-ewwel kontribuzzjoni għal dan l-impenn konġunt.

(56) L-Awtorità se tapplika dan il-Kapitolu lill-miżuri li ġew innotifikati lill-Awtorità jew każijiet li nġabu għall-attenzjoni tal-Awtorità mod ieħor mill-1 ta' Jannar 2010.

([1]) Kawża C-119/97 *Ufex u Oħrajn* v *il-Kummissjonit* [1999] ECR I-1341, paragrafu 88.
([2]) Kawża T-475/04, *Bouygues SA* v *il-Kummissjoni* [2007] ECR II-2097, paragrafi 158 u 159.
([3]) Ara l-Linji gwida tal-Awtorità dwar l-infurzar tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qrati nazzjonali.

(57) Dan il-Kapitolu jista' jiġi rivedut sabiex jirrifletti bidliet fil-miżuri leġiżlattivi, interpretattivi u amministrattivi jew il-każistika tal-Qorti tal-EFTA u l-Qrati tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jirregolaw il-proċeduri għall-għajnuna mill-Istat jew kull esperjenza akkwistata fl-applikazzjoni tiegħu. L-Awtorità għandha wkoll l-intenzjoni li tieħu sehem ukoll, fuq bażi regolari, fi djalogu mal-Istati tal-EFTA u mal-partijiet interessati l-oħra dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-Parti II tal-Protokoll 3 b'mod ġenerali, u ta' dan il-Kapitolu tal-Aħjar Prattiki b'mod partikolari.

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 364/11/COL

## tat-23 ta' Novembru 2011

## biex tingħalaq proċedura ta' investigazzjoni formali rigward l-eżenzjoni tal-Fond Islandiż għall-Finanzjament tad-Djar *Íbúðalánasjóður* (l-HFF) mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-Istat (l-Islanda)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA (L-AWTORITÀ),

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim taż-ŻEE), u partikolarment l-Artikolu 61 u l-Protokoll 26,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Artikolu 1(3) tal-Parti I u 7 (2) tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja (Ftehim dwar Sorveljanza u Qorti) (Protokoll 3),

WARA LI KKUNSIDRAT il-verżjoni konsolidata tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 dwar id-dispożizzjonijiet implimentattivi li jissemmew taħt l-Artikolu 27 tal-Parti II tal-Protokoll 3 (Id-Deċiżjoni dwar id-Dispożizzjonijiet Implimentattivi) ([1]),

WARA li stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom ([2]),

Billi:

### I. FATTI

### 1. *Proċedura*

(1) B'ittra datata t-28 ta' Settembru 2007 (Avveniment Nru 442805), l-Awtorità talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Islandiżi rigward il-garanziji mill-Istat u l-obbligu li jitħallas primjum ta' garanzija mill-istat taħt l-Att Islandiż dwar il-Garanziji mill-Istat. B'ittra mill-Missjoni Islandiża għall-Unjoni Ewropea datata l-24 ta' Ottubru 2007, li għaddiet l-ittra mingħand il-Ministeru tal-Finanzi Islandiż, tal-istess data, li waslet u ġiet reġistrata mill-Awtorità fil-25 ta' Ottubru 2007 (Avvenimenti Nru 448739 u 449598), l-awtoritajiet Islandiżi wieġbu għal din it-talba.

(2) Il-każ kien soġġett għal diskussjonijiet bejn ir-rappreżentanti tal-Awtorità u l-Gvern Islandiż fis-7 ta' Settembru 2007 fi Brussell u fid-29 ta' Ottubru 2007 f'Reykjavik kif ukoll bejn ir-rappreżentanti tal-Awtorità u l-Assoċjazzjoni Islandiża tas-Servizzi Finanzjarji f'laqgħa fis-6 ta' Marzu 2008 fi Brussell.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 406/08/COL tas-27 ta' Ġunju 2008 li jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-eżenzjoni tal-Fond Islandiż ta' Finanzjament għad-Djar mill-pagament ta' primjum ta' garanzija mill-Istat ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu. ([3]) Permezz ta' din id-Deċiżjoni, l-Awtorità talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom. L-Awtorità ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati. Permezz ta' ittra datata t-8 ta' Settembru 2008 (Avveniment Nru 490696), l-awtoritajiet Islandiżi ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 406/08/COL.

(4) F'Ottubru 2008, l-Awtorità iffriżat il-każ minħabba l-kollass tas-settur bankarju Islandiż. Madankollu, saru xi diskussjonijiet dwar dan il-każ fi Grupp ta' Laqgħat f'Rejkjavik fl-4-5 ta' Novembru 2009. Wara din il-laqgħa, fis-16 ta' Novembru 2009, intbagħtet ittra mill-Awtorità biex tfakkarhom jissottomettu informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura investigata. Ingħatat tweġiba mill-awtoritajiet Islandiżi permezz ta' ittra datata s-7 ta' Diċembru 2009 (Avveniment Nru 539538).

(5) F'investigazzjoni parallela dwar miżuri ta' għajnuna mill-istat mogħtija lill-Fond Islandiż għall-Finanzjament tad-Djar, l-Awtorità kkonkludiet fid-Deċiżjoni tagħha Nru 405/08/COL tas-27 ta' Ġunju 2008 ([4]) li l-garanzija mill-istat mogħtija lill-HFF tikkostitwixxi miżura eżistenti ta' għajnuna. Sussegwentement, fit-18 ta'Lulju 2011, l-Awtorità adottat id-Deċiżjoni Nru 247/11/COL dwar proposta għal miżuri xierqa fil-finanzjament tal-Fond Islandiż għall-Finanzjament tad-Djar *Íbúðalánasjóður* (HFF), ([5]) *inter alia* fil-forma ta' garanzija mill-istat.

### 2. *Deskrizzjoni tal-miżura investigata*

### 2.1. **Il-benefiċjarju**

(6) Il-Fond għall-Finanzjament tad-Djar *Íbúðalánasjóður* (HFF) huwa istituzzjoni tal-istat, li topera fuq bażi separata taħt l-Att Islandiż dwar id-Djar Nru 44/1998 (*lög um húsnæðismál*). ([6]) L-HFF huwa amministrat minn bord ta'

([1]) Disponibbli fis-sit: http://www.eftasurv.int/media/decisions/195-04-COL.pdf

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 406/08/COL tas-27 ta' Ġunju 2008 sabiex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-eżenzjoni tal-Fond Islandiż ta' Finanzjament għad-Djar mill-pagament ta' primjum ta' garanzija mill-Istat, ippubblikat fil-ĠU C 64, 19.3.2009, p. 21 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 15, 19.3.2009, p. 9.

([3]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2 hawn fuq għar-referenzi tal-pubblikazzjoni.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 405/08/COL tas-27 ta' Ġunju 2008 biex tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali rigward il-Fond Islandiż għall-Finanzjament tad-Djar, ĠU L 79, 25.3.2010, p. 40 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 14, 25.3.2010. p. 20.

([5]) Test mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni Nru 247/11/COL huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/media/decisions/247-11-COL.pdf

([6]) Il-predeċessur oriġinali tal-HFF, l-Aġenzija tal-Housing tal-Istat, twaqqfet fl-1980.

diretturi taħt il-kompetenza amministrattiva tal-Ministru tal-Benesseri. L-iskop tal-HFF huwa li jippromwovi s-sigurtà u d-drittijiet ugwali għad-djar. Dan isir permezz tal-għoti ta' self lil individwi u entitajiet li jipprovdu akkomodazzjoni permezz ta' kiri, u permezz ta' organizzazzjoni ġenerali ta' materji relatati mad-djar. Il-finanzjament huwa pprovdut bl-għan speċifiku li jiżdiedu l-prospetti tan-nies li jiksbu jew jikru d-djar b'termini li jistgħu jiġġestixxu (ref. l-Artikolu 1 tal-Att dwar id-Djar).

(7) L-HFF mhuwiex direttament iffinanzjat mill-Istat, iżda huwa ffinanzjat permezz ta' redditi fuq l-ekwità tiegħu stess (jiġifieri pagamenti, l-imgħax u l-ħlasijiet abbażi tal-indiċjar tal-prezzijiet fuq is-self mogħti), interessi mħallsa fuq il-ħruġ u l-bejgħ ta' bonds tal-HFF (*íbúðarbréf*) li huma elenkati fuq il-Borża tal-Islanda, u permezz ta' ħlasijiet għas-servizz mill-klijent tiegħu. L-HFF igawdi wkoll minn garanzija tal-Istat li ġejja mir-responsabbiltà illimitata tal-Istat għad-dejn tal-HFF bħala l-propjetarju tiegħu. ([7]) Barra minn hekk, l-HFF jirċievi appoġġ għall-imgħax direttament mill-baġit tal-Istat biex ikopri telf li jirriżulta minn self taħt ir-rati tas-suq lil entitajiet li jibnu u jipprovdu djar bil-kera.

(8) Għal deskrizzjoni iktar dettaljata tas-sistema tal-HFF taħt l-Att dwar id-Djar, qed issir referenza għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 405/08/COL.

### 2.2. **Il-garanzija tal-Istat**

(9) L-HFF huwa istituzzjoni tal-Istat irregolata mil-liġi pubblika (ref. l-Artikolu 4 tal-Att dwar id-Djar) u bħala tali, fl-ambitu tar-regoli ġenerali mhux miktubin tal-liġi pubblika tal-Islanda applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-istat, huwa jgawdi garanzija mill-Istat fuq l-obbligi kollha tiegħu. Il-garanzija hija applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Istat kollha, indipendentement minn meta kienu stabbiliti jew mit-tip tal-attivitajiet tagħhom. Kif imsemmi hawn fuq, tali garanzija ġejja mir-responsabbiltà illimitata tal-Istat għad-dejn tal-HFF bħala l-propjetarju tiegħu. Dan ifisser li l-Istat huwa responsabbli għall-obbligi kollha tal-HFF, minħabba li l-garanzija la hija marbuta ma' xi tranżazzjoni finanzjarja speċifika tal-HFF, u lanqas limitata għal xi ammont massimu fiss. Dan huwa wkoll rifless fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 5 tal-Att dwar L-Att ta' Insolvenza Nru 21/1991 (*lög um gjaldþrotaskipti o.fl.*) li jeskludi l-applikabbiltà ta' falliment jew proċeduri oħra ta' insolvenza għal istituzzjonijiet bħall-HFF.

(10) Fil-preambolu għall-abbozz li sar Att Nru 121/1997, dwar il-Garanziji mill-Istat (*lög um ríkisábyrgðir*) ġie elenkat dan li ġej:

"Dan hu bbażat fuq ir-regola inekwivoka tal-liġi Islandiża li l-Istat huwa responsabbli mill-obbligi tal-istituzzjonijiet u l-impriżi tiegħu, sakemm il-garanzija ma tkunx illimitata permezz ta' dispożizzjoni ġuridika espliċita [...] jew ir-responsabbiltà tal-Istat f'kumpanija b'responsabbiltà limitata hija limitata għall-kontribuzzjoni tal-kapital tal-ishma." ([8])

(11) Il-garanzija mill-istat kienet disponibbli wkoll għall-predeċessuri tal-HFF: l-Aġenzija tal-Istat għad-Djar, il-Fond tal-Istat għall-Bini u l-Fond tad-Djar għall-Ħaddiema operati mill-Aġenzija tal-Istat għad-Djar, kif ukoll il-Bord tal-Istat għad-Djar (ref. l-Att Nru 97/1993 dwar l-Aġenzija tal-Istat għad-Djar (*lög um Húsnæðisstofnun ríkisins*)).

### 2.3. **Il-primjum tal-garanzija mill-istat**

(12) Fil-mument tal-istabbiliment tal-HFF u l-preċedessuri tiegħu, il-garanzija illimitata mogħtija mill-Istat favur tagħhom u li tkopri l-obbligi tagħhom kollha ma kinitx magħmula soġġetta għal primjumm tar-riskju jew primjum ta' garanzija. Skont l-awtoritajiet tal-Islanda, minn mindu nħoloq l-HFF, ir-regoli relevanti tal-liġi domestika ġew interpretati sabiex jeskludu l-HFF milli jħallas kwalunkwe tariffa għal garanzija mill-Istat li huwa jgawdi. ([9])

(13) L-Att Proviżorju Nru 68/1987 dwar Miżuri Fiskali introduċew għall-ewwel darba obbligu ġenerali li jitħallas primjum ta' garanzija lill-Istat għall-garanziji mill-Istat li ma kinux suġġetti għall-primjum tar-riskju. Sussegwentement, l-Artikolu 8 tal-Att Nru 37/1961 dwar Garanziji mill-Istat (*lög um ríkisábyrgðir*), kif sussegwentement emendat mill-Att Nru 65/1988 dwar il-Garanziji mill-Istat, (*lög um breyting á lögum nr. 37/1961, um ríkisábyrgðir, með síðari breytingum*) obbliga lill-banek, fondi ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji, intrapriżi u entitajiet simili oħra li, skont il-liġi, igawdu minn garanzija tal-istat kemm jekk permezz ta' sjieda mill-Istat kif ukoll għal raġunijiet oħra, li jħallsu primjum ta' garanzija lill-Istat rigward l-impenji tagħhom lil entitajiet barranin. Il-primjum kien stabbilit għal 0,0625 % għal kull tliet xhur fuq l-impenji esteri prinċipali bażati fuq il-medja tagħhom għal kull perjodu (ref, paragrafu 2 tal-Artikolu 8 tal-Att Nru 37/1961) ([10]).

(14) Oriġinarjament, ma kien impost ebda primjum fuq impenji domestiċi. Madankollu, l-Att Nru 121/1997 dwar Garanziji tal-Istat ([11]) introduċa obbligu li jitħallas primjum li jammonta għal 0,0375 % fir-rigward tal-impenji domestiċi. Din ir-rata aktar tard ġiet miżjuda għal 0,0625 % permezz tal-Att Nru 180/2000 ([12]).

([7]) Kawża E-9/04 *The Bankers' and Securities' Dealers Association of Iceland* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA* [2006] Rapport tal-Qorti tal-EFTA, p. 42, paragrafu 72.

([8]) It-traduzzjoni mhux uffiċjali tal-Awtorità. It-test oriġinali Islandiż jinsab fuq: http://www.althingi.is/altext/122/s/0099.html

([9]) Ara p. 4 tas-sottomissjoni datata 8.9.2008 (Avveniment Nru 490696).

([10]) Self li għal liema premium tar-riskju kien imħallas, ċerti garanziji tal-esportazzjoni u impenji minħabba bilanċ ta' kreditu f'kontijiet f'munita domestika, ma jikkostitwixxux bażi għall-kalkolu tal-premium ta' garanzija (ref. il-paragrafu 2 tal-Artikolu 9 tal-Att Nru 37/1961).

([11]) Dħul fis-seħħ fl-1.1.1998.

([12]) Dħul fis-seħħ fil-11.1.2001.

(15) L-Att Nru 121/1997 preveda wkoll eżenzjoni mill-ħlas ta' kull primjum għal garanzija mill-istat rigward bonds tad-djar maħruġa mid-Diviżjoni tal-Bonds tad-Djar tal-Aġenzija tal-Istat għad-Djar. Fir-rigward tal-obbligi l-oħra tal-HFF, l-Att Supplementari tal-Baġit għas-sena 2001 retroattivament ikkanċella d-dejn tal-HFF relatat ma primjums mhux imħallsa li l-HFF akkumula skont l-Att Nru 121/1997. Fl-aħħarnett, eżenzjoni ġenerali tal-HFF mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-istat fir-rigward tal-impenji kollha ġiet stipulata fl-Att Nru 70/2000 li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Mejju 2000.

(16) Għal deskrizzjoni iktar dettaljata tal-leġiżlazzjoni dwar il-garanziji mill-istat u bidliet sussegwenti għar-rati ta' primjum ġeneralment applikabbli u d-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-HFF, qed issir referenza għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 406/08/COL.

3. *Raġunijiet għall-bidu tal-proċedura*

(17) Fid-Deċiżjoni Nru 406/08/COL, l-Awtorità spjegat li l-garanzija mill-istat favur l-HFF, li kienet teżisti qabel ma daħal fis-seħħ il-Ftehim taż-ŻEE fl-1 ta' Jannar 1994, propjament ma kinitx qed tiġi ttrattata taħt il-proċedura dwar il-primjum ta' garanzija li tirrigwarda għajnuna ġdida iżda taħt proċedura separata għal għajnuna eżistenti (Kawża Nru 64865, issa Kawża Nru 70382). Id-Deċiżjoni Nru 406/08/COL trattat il-fatt li l-HFF huwa eżenti minn ħlas ta' primjum ta' garanzija li impriżi oħra organizzati b'mod simili għall-HFF huma obbligati li jħallsu. F'dan il-kuntest, il-fehma preliminari tal-Awtorità hija, li ma kienx rilevanti għall-valutazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-għajnuna bħala ġdida jew eżistenti jekk l-Att dwar il-Garanziji tal-Istat, bħala fatt, jibdilx jew le s-sitwazzjoni tal-HFF fir-rigward tal-ħlas ta' primjum ta' garanzija. Dak li kien meqjus bħala deċiżiv kien li l-Att il-ġdid Nru 121/1997 dwar il-Garanziji tal-Istat introduċa sistema ġdida fejn, għall-ewwel darba, l-HFF kien qed jiġi trattat b'mod aktar favorevoli milli previst taħt ir-regola ġenerali għal impriżi li jibbenefikaw minn garanzija impliċita tal-istat. Għalhekk l-opinjoni preliminari tal-Awtorità hija li kwalunkwe vantaġġ lill-HFF wara l-eżenzjoni mogħtija lid-Diviżjoni tal-Bonds tad-Djar introdotta bl-Artikolu 7 tal-Att Nru 121/1997, tikkostitwixxi għajnuna ġdida. L-istess japplika għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' primjum relatat ma' operazzjonijiet oħra tal-HFF, ref. Att Nru 70/2000 li jemenda l-Att Nru 121/1997 u l-Att Supplimentari tal-Baġit tal-2001.

(18) Fil-fehma preliminari tal-Awtorità, l-eżenzjoni tal-HFF mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija jammonta għal għajnuna mill-istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. L-elementi segwenti tal-għajnuna mill-istat kienu identifikati fid-deċiżjoni li jingħata bidu għal proċedura ta' investigazzjoni formali:

(i) eżenzjoni (jew oriġinarjament jew *ex post facto*) mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-istat li jammonta għal 0,0625 % kull tliet xhur tal-valur ta' impenji esteri relatati kemm ma' bonds tad-djar kif ukoll impenji oħra fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-lum;

(ii) eżenzjoni (jew oriġinarjament jew *ex post facto*) mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-istat li jammonta għal 0,0375 % kull tliet xhur tal-valur ta' impenji domestiċi relatati kemm ma' bonds tad-djar kif ukoll impenji oħra fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-10 ta' Jannar 2001;

(iii) eżenzjoni mill-pagament ta' primjum ta' garanzija mill-istat li jammonta għal 0,0625 % kull tliet xhur tal-valur tal-impenji kollha domestiċi tal-HFF fil-perjodu mill-11 ta' Jannar 2001 sal-lum.

(19) Barra minn hekk, l-Awtorità iddubitat li l-elementi ta' għajnuna mill-Istat t'hawn fuq jistgħu jkunu kkunsidrati kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE. L-Awtorità spjegat li, filwaqt li ċertu self għall-finanzjament tad-djar jista' jiġi definit bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 59(2) tal-Ftehim taż-ŻEE u għalhekk possibbilment eliġibbli għall-għajnuna, il-fehma preliminari tal-Awtorità hija li s-sistema ta' self ġenerali tal-HFF hija mifruxa wisq biex tkun konformi mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(2). L-Awtorità ma ngħatatx informazzjoni li tagħtiha raġuni li temmen li s-suq ma jkunx jista' jipprovdi għal finanzjament tad-djar f'termini maneġġevoli b'mod ġenerali. Taħt l-iskema ta' self ġenerali tal-HFF, is-self huwa disponibbli lil kulħadd irrispettivament mid-dħul u l-assi u irrispettivament mil-limitazzjonijiet tal-prezz u d-daqs tar-residenza li ser tiġi ffinanzjata. Barra minn hekk, is-self jista' wkoll jingħata kullimkien irrispettivament minn jekk il-finanzjament lokali tad-djar huwiex disponibbli jew le.

4. *Kummenti mill-awtoritajiet Islandiżi*

(20) Il-kummenti tal-Gvern tal-Islanda huma ffokati fuq il-fatt li kwalunkwe element ta' għajnuna involut jirriżulta direttament mill-garanzija impliċita tal-istat favur l-HFF, li diġà ġiet stabbilita li tikkostitwixxi għajnuna eżistenti. Fid-dawl tal-awtoritajiet tal-Islanda, kwalunkwe ħlas ta' pagament huwa parti integrali tal-garanzija mill-istat bħala tali. Għalhekk, minħabba n-nuqqas ta' bidliet separabbli u sostantivi għall-garanzija mill-istat u l-pagament tal-miżata, m'hemmx għajnuna ġdida preżenti u l-kwistjoni għandha tiġi ttrattata fi ħdan il-każ eżistenti ta' għajnuna. Il-Gvern Islandiż esprima ukoll il-fehma li fil-każ li jekk jiġi meqjus li hemm xi każ ġdid ta' għajnuna, tkun għajnuna kompatibbli, minħabba l-karattru soċjali tal-HFF u l-fatt li l-għajnuna mogħtija lill-HFF issodisfat il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ġurisprudenza Altmark ([13]).

([13]) Kawża C-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] ECR 1-7747.

(21) Rigward il-fatt tal-introduzzjoni ta' obbligu li jitħallas primjum fuq garanziji mill-istat għal impenji esterni ta' ċerti istituzzjonijiet finanzjarji bl-Att Nru 68/1987, l-awtoritajiet tal-Islanda argumentaw li l-HFF fil-fatt qatt ma ħallas primjums, minħabba li ma kellux impenji esterni.

(22) Barra minn hekk, fid-dawl tar-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-Islanda li jħallsu primjum fuq impenji domestiċi oħra għajr bonds tad-djar, ibbażat fuq l-Att 121/1997, kien "*ibbażat fuq bażi legali dubjuża*", peress li qatt ma kien maħsub li l-predeċessuri tal-HFF iħallsu primjum ta' garanzija. L-awtoritajiet tal-Islanda innutaw ukoll il-fatt li d-dejn tal-HFF relatat ma' xi primjum ta' garanzija mhux imħallas kien ikkanċellat retroattivament fl-Att Supplimentari tal-Baġit tal-2001, bħala indikazzjoni tal-intenzjoni tal-leġiżlatur li l-HFF għandu jiġi eżentat milli jħallas primjum ta' garanzija fi kwalunkwe ħin.

(23) U fl-aħħar nett, l-eżenzjoni mill-primjum ta' garanzija tal-Istat għall-HFF kienet minħabba l-fatt li l-HFF ġabar marġini ta' interess ta' 0,0375 % ta' strumenti ta' self li jiggarantixxu impenji relatati ma' bonds tad-djar [14]. L-awtoritajiet tal-Islanda jsejħulha "miżata speċjali għall-garanzija tal-istat". Hija miġbura f'fond ta' riserva speċjali.

## II. VALUTAZZJONI

(24) L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jipprovdi dan li ġej:

> "Għajr kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stati Membri tal-KE, minn Stati EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tkun inkompatibbli mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim."

(25) Dan jimplika li għal miżuri biex jiġu kklassifikati bħala għajnuna tal-istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, iridu jinvolvu għotja mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-istat, jagħtu vanntaġġ lill-impriża destinatarja, jkunu selettivi, jfixklu l-kompetizzjoni u jkunu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

(26) Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità fuq garanziji mill-istat [15] jistipulaw li garanziji mogħtija direttament mill-Istat, jiġifieri minn awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-istat. Barra minn hekk, termini ta' finanzjament aktar favorevoli akkwistati minn intrapriżi li l-forma legali tagħhom teskludi proċeduri ta' falliment jew proċeduri oħra ta' insolvenza jew li jibbenefikaw minn garanzija jew kopertura mill-Istat espliċita ta' kwalunkwe telf mill-Istat jipprovdu għal benefiċċju minn esponiment indeterminat tal-Istat li huwa msemmi bħala garanzija illimitata mill-Istat [16]. Barra minn hekk,

> "il-benefiċċju ta' garanzija mill-Istat huwa li r-riskju assoċjat mal-garanzija jittieħed mill-Istat. It-teħid ta' dan ir-riskju mill-Istat għandu normalment jiġi remunerat bi primjum xieraq. Fejn l-Istat iċedi l-primjum kollu jew parti minnu, ikun hemm kemm benefiċċju għall-impriża u kif ukoll tnaqqis tar-riżorsi tal-Istat." [17]

(27) Fid-Deċiżjoni Nru 247/11/COL, l-Awtorità kkonkludiet li l-garanzija impliċita u illimitata mill-Istat favur l-HFF tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE għaliex tirrappreżenta tnaqqis ta' riżorsi tal-Istat tal-Islanda u tagħti lill-HFF vantaġġ ekonomiku. L-Awtorità rreferiet għall-fatt li, skont il-Linji Gwida tal-Awtorità fuq garanziji mill-istat, intrapriżi li l-forma legali tagħhom teskludi proċeduri ta' falliment jew proċeduri oħra ta' insolvenza jew li jibbenefikaw minn garanzija espliċita jew kopertura mill-Istat ta' kwalunkwe telf, jistgħu jitqiesu bħala benefiċjarji tal-għajnuna. Barra minn hekk, mhuwiex meħtieġ li l-Istat jagħmel xi pagamenti taħt il-garanzija inkwistjoni. L-għajnuna tingħata kontinwament mill-mument meta tingħata l-garanzija u mhux biss fil-mument meta tiġi invokata l-garanzija jew fil-mument meta jsiru l-ħlasijiet skont it-termini tal-garanzija [18].

(28) Minħabba r-rabta diretta bejn il-preżenza ta' elementi ta' għajnuna mill-Istat f'miżura li tikkostitwixxi garanzija mill-Istat u l-ħtieġa li jiġi stabbilit (u jitħallas) primjum (tas-suq) għal tali intervent tal-istat, il-kwistjoni kruċjali hija jekk l-eżenzjoni mill-ħlas ta' miżata ta' garanzija tistax tkun identifikata bħala element separat ta' għajnuna mill-Istat kif imqabbel mal-vantaġġ li jirriżulta mill-garanzija bħala tali. Primjum xieraq jista' jinnewtralizza mill-inqas parti mill-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarju tal-għajnuna. Kieku kien possibbli li jiġi stabbilit primjum tas-suq għall-garanzija, li jikkorrispondi mar-riskju tal-Istat assoċjati mal-garanzija u kieku dan il-primjum kien ġie mħallas mill-HFF, il-kriterji tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-preżenza tar-riżorsi tal-Istat u ta' vantaġġ ekonomiku għall-HFF ma kienx jintlaħaq. Għalhekk,

---

[14] Oriġinarjament, ma kienx maħsub li jiġu eżentati l-obbligi kollha tal-HFF mill-Istat mill-primjum ta' garanzija.

[15] Disponibbli fis-sit http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=15646&1=1

[16] Ara l-Kapitolu 1.2(4) tal-Linji Gwida dwar il-Garanziji mill-istat u l-Kapitolu 7.2(2) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat għall-impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura, disponibbli fis-sit http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=16995&1=1.

[17] Kapitolu 2.1 tal-Linji Gwida dwar il-garanziji mill-istat.

[18] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17.

il-primjum jikkostitwixxi element integrali tal-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna mill-istat mogħtija fil-forma ta' garanzija. Tali konklużjoni issegwi wkoll il-Linji Gwida dwar il-garanziji mill-istat, kif imsemmi hawn fuq.

(29) L-awtoritajiet Islandiżi esprimew fehma simili fil-kummenti tagħhom għad-deċiżjoni li jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali (Deċiżjoni Nru 406/08/COL). Barra minn hekk, l-awtoritajiet Islandiżi enfasizzaw li l-Att dwar il-Garanziji mill-Istat kien maħsub li jkun leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-garanziji mill-istat. L-Att innifsu ma ta ebda garanziji fih innifsu, iżda sempliċiment stabbilixxa l-kundizzjonijiet fir-rigward tal-garanziji ([19]).

(30) Meta wieħed iqis dan t'hawn fuq, l-Awtorità tikkunsidra li, minħabba n-natura speċjali tal-elementi ta' għajnuna li hemm fil-miżura ta' għajnuna mill-istat f'forma ta' garanzija mill-istat, l-eżenzjoni tal-HFF mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-istat ma tikkostitwixxix miżura separata ta' għajnuna mill-Istat mill-garanzija impliċita u illimitata provduta mill-Istat tal-Islanda, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. In-nuqqas tal-ħlas ta' primjum tikkostitwixxi parti minn vantaġġ u riżorsi tal-istat involuti fil-garanzija tal-Istat mogħtija lill-HFF. Minħabba li l-vantaġġi li joħorġu minn din il-garanzija mill-Istat huma trattati mill-Awtorità fil-proċedura tal-għajnuna mill-istat fuq għajnuna eżistenti (ref. il-Kawża Nru 70382 (eks 64865), id-Deċiżjoni Nru 247/11/COL), il-proċedura ta' investigazzjoni formali rigward l-eżenzjoni tal-HFF mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-Istat huwa mingħajr objettiv u tista' tingħalaq.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-eżenzjoni tal-HFF mill-ħlas ta' primjum ta' garanzija mill-Istat huwa magħluq.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika tal-Islanda.

*Artikolu 3*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss ta' din id-Deċiżjoni hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2011.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Oda Helen SLETNES
*Il-President*

Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON
*Membru tal-Kulleġġ*

([19]) Ittra datata t-8.9.2008, p. 5.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

**MT**